Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-23 ta' Frar 2023**

**Il-Pulizija**

**Versus**

**Natasha (Natalina) Galea**
**(0086872M)**

**Kumpilazzjoni numru 207/2020**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Natasha (Natalina) Galea** detentrici tal-karta tal-identita' Malta bin-numru 0086872M, bint John u Maria Concetta nee Attard, imwielda Pieta', Malta nhar l-20/08/1971, residenti 3, Villino Fransha, Triq Fra Francesco Wizzino, Pembroke:

Akkuzata talli fil-lejl ta' bejn l-ghaxra (10) ta' Ottubru 2019 u l-hdax (11) ta' Ottubru 2019 f'San Giljan u f'Pembroke :-

1. Ghamlet rapport falz fil-konfront ta' zewgha Franco Galea meta allegat li huwa sakkarha barra mid-dar matrimonjali u cioe il-fond numru 3, Villino Fransha, Triq Fra Francesco Wizzino, Pembroke; *Artikolu 101 (1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

2. Iddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar; *Artikolu 110 (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Kif ukoll talli fl-istess lejl, ghall-habta tal-hamsa (0500hrs) ta' filghodu tal-hdax (11) ta' Ottubru, 2019 u fil-gimghat u x-xhur ta' qabel gewwa r-residenza 3, Villina Fransha, Triq Fra Francesco Wizzino, Pembroke u postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer;

3. Insulentat, heddet jew ingurjat bi kliem jew b'mod iehor lil bintha Sarah Farrugia; *Artikolu 339 (1) (e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

4. Gabet ruhha b'tali mod li tat fastidju lil bintha Sarah Farrugia, u b'mod li kienet taf jew li messha kienet taf li dak li ghamlet kien ta' fastidju ghal bintha Sarah Farrugia; *Artikolu 251 A (1)(a)(b) u 222 (1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

5. Bl-imgieba taghha, ikkagunat lil bintha Sarah Farrugia biza' li se tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghha; *Artikolu 251 B (1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Kif ukoll talli f'Jannar, 2019 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, bi ksur tal-istess disposizzjoni tal-Ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

6. Ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien minn obbligi b'dawn l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jipprovaw u cioe' ghamlet falsifikazzjoni tal-firma ta' Franco Galea u aktar talli xjentement ghamlet uzu mill-istess skritturi jew kitba falza; *Artikoli 183 u 184 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

7. Iffalsifikat cedola, polza, ordni jew dokumenti oħra u cioe' cekkijiet tal-Bank of Valletta faq akkont ta' Franco Galea, illi meta jigu ppreżentati wiehed jista' jirċievi bihom hlas jew jiehu kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew magħruf b'xi atti pubbliku tal-Gvern u aktar talli għamlet uzu mill-istess karti msemmija; *Artikoli 167 u 169 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,*

8. B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi għamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi wriet haga b'oħra sabiex iggiegħlu jitwemmen ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgħa fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqlet tama jew biża' dwar xi grajja kimerika, għamlet qliegh li komplessivament jeccedi l-elfejn u hames mitt euro (€2,500) bi hsara ghal Franco Galea u/jew persuni ohra *Artikoli 308, 309 310 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

9. Ikkommettiet serq ta' cekkijiet tal-BNF Bank Malta Limited (gja Banif Bank Malta Limited) mahruga lil Franco Galea u dan ghad-detriment tal-BNF Bank Malta Limited Igia Banif Bank Malta Limited), Franco Gales u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-"valur" u bil-"persuna": *Artikoli 261(c)(d), 267, 268, 279(a) u 280(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

10. Appropjat ruhha, billi dawwaret bi profit għaliha jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' haddieħor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu li jgib miegħu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; *Artikolu 293 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

L-Onorabbli Qorti hija gentilment mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużata sabiex tipprovdi ghas-sigurtà ta' Franco Galea u Sarah Farrugia, jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imgiba ohra li tikkaguna biza" ta" vjolenza, u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-Onorabbli Qorti mitluba titratta dan il-kas bhala wiehed ta' vjolenza domestika skond il-Kap 581 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'każ ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta għas-sigurta tal-vittmi l-Franco Galea u Sarah Farrugia.

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond 1-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda ta' l-iSpettur Joseph Xerri, Spettur Michael Vella, PS 407 Kenneth Scicluna, Sarah Farrugia, PS2345 Monique Mangion, Daniel Azzopardi, Franco Galea, James Drury, Sarah Farrugia u Rebecca Galea.

Rat illi l-imputata, fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2022, irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata, debitament assistita mill-konsulent legali taghha tenniet li hija ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga lura minnha.

Illi l-imputata regghat tenniet ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputata hatja ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni ta' l-imputata kif ukoll il-Fedina Penali netta taghha.

__**Decide**__

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7, 18, 31, 101(1), 110(2), 167(1), 169, 183, 184, 185(2), 222(1)(a), 251A(1)(a)(b)(4), 251B(1), 261(c)(d), 267, 268(b), 279(a), 280(1), 293, 308, 309, 310(b) u 339 (1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputata **Natasha (Natalina) Galea hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontriha** u u tordna li ai termini ta' **Artikolu 7 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputata titqieghed taht **Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum**, b'dan illi qegħda tordna li l-ħatja titqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilha mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lil imputata **Natasha (Natalina) Galea** bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li tonqos milli tikkonforma ruhha ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li taghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, tista' tinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstabet hatja b'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation moghtija b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hatja **Natasha (Natalina) Galea.** L-

Uffiċjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lil Qorti kompetenti bil-progress tal-ħatja kull **sitt (6) xhur.**

In oltre ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lil hatja **Natasha (Natalina) Galea** b'**Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **tlett (3) snin** millum, ghall-protezzjoni ta' **Franco Galea u Sarah Farrugia**. Il-Qorti fissret lil hatja bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **Franco Galea u Sarah Farrugia ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lil hatja **Natasha (Natalina) Galea** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma' timmolestax, ma' ddejjaqx u ma' tingurjax lil *parte civile* **Franco Galea u Sarah Farrugia.**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lil hatja u x'jigri jekk hi ma' toqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u/jew l-Ordni ta' Protezzjoni u/jew il-Garanzija, jew jekk tikkommetti reat iehor fi zmien **tlett (3) snin** millum.

Illi fil-kaz odjern ma' gewx mahtura esperti u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputata f'dan ir-rigward.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lil Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

Ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien **sitt (6) ijiem tax-xogħol**, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**